KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 54 Tnejn 15 ta' Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:40pm ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Rachel Tua – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier

ASSENTI
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici ġiet nfurmata biex tiprovdi ittra mix-xogħol, biex l'assenza tagħha tkun approvata b'apoloġija.

54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 53.
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 53.

## 54.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 54.3.1 Korrispondenza -Un/loading Bay in Triq Anglu Gatt

Is-Sindku qara' l-ittra li rċevejna min Transport Malta u nforma lill-membri preżenti li l-un/*loading bay* fi Triq Anglu Gatt ma ġietx approvata, peress li skond il-*policies* ta' Transport Malta jrid jkun hemm sitt stabilimenti għal kull *un/loading bay.*

Is-Sindku nforma li kiteb lil Transport Malta għax bl'istess raġunament hemm *un/loading bay* fejn is-Savewise Supermarket, li huwa ta' l-istess qies bħal Brema, u m'hemmx stabilimenti oħra. Għalhekk s-Sindku talab lil Transport Malta jekk hemmx permess jew le.

### 54.3.2 Korrispondenza – Parking fi Triq il-Ħtajriet

Is-Sindku qara' l-ittra li rċevejna min Transport Malta u nforma lil-membri preżenti li l-*parking bays* li ntalbu biex jsiru perpendikolari mal-bankina, ma ġewx approvati minħabba li jista jinħoloq periklu, aparti raġunijiet oħra li ġew spjegati fl-ittra.

### 54.3.3. Korrispondenza Vjal Indipendenza Proposed Safety Layout

Is-Sindku ċċirkola mal-membri preżentiil-pjanta min Transport Malta fejn fi Vjal Indipendenza qed jiġi ssuġeriet li ssir *central strip* flok jiżdiedu l-*bollards* sa San Silvestru. Is-Sindku nforma lil membri preżenti li ma jaqbilx ma din id-deċiżjoni, u li aħjar jsiru *bollards.*
Din l-ittra ntbagħtet kopja lil LESA għal-*feedback* tagħhom.

### 54.3.4 Korrispondenza – Clothes Bank

Is-Sindku qara' l-*email* fejn il-kumpanija Electrowaste Malta Ltd. qed titlob li nżidu xi *clothes banks* oħrajn. Il-membri preżenti qablu unanimament li qabel ma nżidu nitolbu lil-kumpanija li vera l-ħwejjeġ qed jmorru għal-karita, peress li daħlu xi lmenti għand il-Kunsillier Micallef Costa mil-pubbliku, fejn qed jistaqsu jekk hux veru ħwejjeġ li jinstabu tajbin u mhux reċiklati qed jmorru għal-karita.
Aparti min hekk, ħa jiġi mitlub wkoll lil kumpanija rapport ta' kemm tunnellaġġ qed ta' ħwejjeġ qed jinġabru min dawn il-*clothes banks.*

### 54.3.5 Korrispondenza – Ittra lil Kunsilli Lokali 2018

Is-Sindku qara' l-ittra li rċevejna min Christine Camilleri mil-Malta Council for Voluntary Sector, qed tistidinna biex nsejħu laqgħa ma l-għaqdiet tal-volontarjat ġewwa l-Mosta, biex jagħmlu laqgħa ta' informazzjoni dwar id-diffikultajiet li jsibu l-għaqdiet.
Il-membri preżenti approvaw unanimament.

### 54.3.6 Korrispondenza – Qualification Allowance

Il-*qualification allowance* taċ-ċertifikat tal-*accounts* kif indikat fl'ittra mil-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC), ta' l-impjegata Lorraine Zammit Tabone, ġiet approvata.

### 54.3.7 Compalint re parking in St Leonard Square

Is-Sindku qara' l-ittra li rċevejna mingħand ir-residenta Dr. Maria Debono, fejn spjegat li kif taqbeż il-kappella ta' San Anard hemm *junction box*, u hemm parkeġġ fuq iż-żewġ naħat. Dr. Debono indikat li l'aċċess li jifdal għal *junction box* huwa ta' 1.98 metri, u qed titlob li jitħalla aċċess b'mod speċjalment waqt il-ħinijiet ta' emerġenza.
Il-membri preżenti approvaw unanimament, li titneħħa il-*junction box.*

**54.3.8 Korrispondenza – Talba minn Notch 6 għall Notch 7 fis-Skala 10**
Ġie maqbul unanimament li l-impjegata tal-Kunsill, is-Sinjura Rita Galea, titla skala kif indikat fil-Public Service Agreement min notch 6 għall notch 7 fis-skala 10.

**54.3.9 Korrispondenza – Earth Day Clean Up 2018**
Is-Sindku nforma li hemm grupp ta' voluntiera fejn kull sena jieħdu ħsieb il-*clean-up day.*
Il-membri preżenti approvaw unanimament, li niprovdu skips u materjal ieħor.
Is-Sindku qal li s-sena l-oħra marru hu, u l-Kunsilliera Bonnici bħala raprezentanti, u talab lil-membri biex din is-sena jmur xi ħadd mill-Kunsilliera.

**54.3.10 Korrispondenza – Triq Kurat Schembri**
Is-Sindku ta' rendikont ta' kemm se tiswa Triq Kurat Schembri, biex jinqala parti mil-madum tal-lava u minflok jinbiddel f'*concrete imprint,* peress li maż-żmien sar il-ħsara, u beda jinqala il-pavimentar. Il-madum li għadu tajjeb ħa jinqala u jitqiegħed fi Triq il-Parroċċa.
Il-membri preżenti approvaw unanimament il kwotazzjoni ta' €17,991.43c.

**54.3.11 Korrispondenza – Tenders**
Is-Segretarju Eżekuttiv informat li r-regoli ġodda tat-*tenders*, jitolbu li l-bord jkun magħmul hekk kif inhu ġej:

a) Chairperson (PO/ESR) magħżul mil-Kunsill (mingħajr id-dritt ta' vot).
b) Evalwatur wieħed (1) (PO/ES) kwalifikat fl-*accounts* (bid-dritt tal vot)
c) Evalwatur wieħed (1) (PO/ES) kwalifikat fil-professjoni legali (bid-dritt tal vot)
d) Evalwatur wieħed (1) (PO/ES) li jkun appuntat u jkun persuna teknika fil-qasam tal-*bid* (bid-dritt tal vot)
e) Segretarja (PO/ES) li jkun is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali (mingħajr id-dritt ta' vot).

Membri li jservu fil-Kunsilli Lokali jistaw biss jkunu Chairperson's fil-kumitat ta' Evalwazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv, nfurmat li din il-proċedura l-ġdida ħa tiġi diskussa mar-Reġjun waqt il-laqgħa tas-Sindki.

**54.3.12 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Public Toilets**
Is-Sindku dawwar mal-membri preżenti l-pjanti li pprepara l-Perit, ta' kif qed jiġu proposti l-*public toilets.* Għal dan il-proġett il-Kunsill ħa japplika għal Development Funds.

Il-membri preżenti approvaw unanimament il-pjanti.

**54.3.13 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Development Funds**
Is-Sindku nforma li s'issa applikajna għal-żewġ proġetti, li huma għal Triq Dun Mikiel Xerri u Pjazza Charles J. Vassallo fejn il-Kunsill kien qabel li dawn jsiru bil-*concrete imprint.* Fuq dawn qed nistennew l'approvazzjoni.

Is-Sindku nforma li rċevejna risposta mingħand Transport Malta fejn approvaw li nistaw nżommu l-bankini eżistenti għal-proġett ta' Triq il-Ġnejna. Għalhekk issa kemm napplikaw għal-approvazzjoni tal-Development funds.

Is-Sindku talab għal-approvazzjoni tal-Kunsill biex Sqaq Nru. 1, San Anton Abati.jsir bil-*concrete imprint* mid-Development Funds. Il-membri preżenti approvaw unanimament.
Il-Kunsillier Dr. Karl Tanti talab jekk jistax jiżdied Sqaq Xorxa biex jsir *concrete imprint* mid-Development Funds. Il-membri preżenti approvaw unanimament.

### 54.3.14 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Claims
Is-Sindku nforma li l-bord ħa jiltaqa' fit-22 ta' Jannar biex jitkompla l'evalwazzjoni tal-*claims.*

### 54.3.15 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Transport Malta
Is-Sindku nforma li flimkien mas- Segretarju Eżekuttiv kellhom *meeting* ma Transport Malta, fejn infurmawna li qed jsir studju u ġew ipreparati xi pjanti biex jitjieb il-*flow* tat-traffiku li joħroġ min Triq il-Kungress Ewkaristuku u Triq is-Sajf fejn fosthom hemm rakkomandazzjoni li tiċkien ir-*roundabout* fejn hemm il-monument tal-Qalbiena Mostin.
Is-Sindku informa lil-membri preżenti li ma jsibx oġġezzjoni u l-membri preżenti qablu unanimament.

### 54.3.16 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Valletta 18
Is-Sindku nforma li din il-ġimgħa għadejjin l-attivitajiet ta' Valletta 18, u ssuġerew biex bħal Kunsilli lokali oħra norganizzaw *coach.* Is-Sindku staqsa jekk hemm xi Kunsillier jista jieħu ħsieb l-organizzazjoni tal-*coach* b'kollaborazzjoni mal-Valletta 18 u Regjun.

### 54.3.17 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Ġnien l-Għarusa tal-Mosta
Is-Sindku nforma li rċevejna *email* fejn ix-xogħol li jirrigwarda s-siġar huwa lest min-naħa tal-PARKS. Għad jrid jsir l-*upgrading* pero' qabel jrid jingħadda *cable* tad-dawl li jiswa madwar 60,000 Ewro. Fejn jirrigwarda il-manteniment ta' siġar u pjanti dan ħa jerġa lura f'idejna għaż-żamma tiegħu. Is-Sindku nforma li ħa jiltaqa' mal-kuntrattur *on-site* flimkien mar-rappreżentanti tal-PARKS biex kulħadd jkun jaf x'inhu xogħolu.

### 54.3.18 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Ittra Malta Public Transport
Is-Sindku nforma li rċevejna ittra mingħand is-Sinjura Victoria Caruana, fejn ilmentat rigward in-nuqqas ta' Trasport Pubbliku lejn iċ-ċentru. Is-Sinjura Caruana ġiet infurmata li l-ittra tagħha intbagħtet lil awtorita tat-Trasport Pubbliku.

## 54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 54.4.1 Dawl fi Sqaq Xorxa
Il-Kunsillier Tanti talab jekk jistax jiżdied id-dawl peress li mhux biżżejjed id-dawl li hemm. Il-membri preżenti approvaw unanimament, li napplikaw biex jiżdied id-dawl f'dan l'isqaq, u li jintalab permess mir-residenti qabel ma jittwaħħal il-fanal mal-faċċata.

### 54.4.2 Vjal l-Indipendenza
Il-Kunsillier Tanti staqsa min hu l-kuntrattur li qed jaħdem fi Vjal l-Indipendenza peress li nġabar xi tajn minħabba x-xita u kien diffiċli li r-residenti jaqsmu min fuq il-*pelican lights*.
Is-Sindku nforma li x-xogħol qed jsir mil Enemalta u li l-kuntrattur huwa Polidano. Qed jidħlu ħafna lmenti, u peress li hemm xi *infringements* Transport Malta nfurmatna li għadejjien il-multi lil-kuntrattur.

### 54.4.3 Triq Mattew Callus
Il-Kunsillier Tanti qal li malli tagħmel ix-xita qed joħorġu l-istess ħofor.

Is-Sindku nforma li bit-*tender* li għandna għalkem jista jsir il-*hot asphalt* ma jistawx jsiru qisien kbar, allura hemmhekk jrid jsir *major patching.*
Is-Sindku nforma li bħalissa ir-Reġjun qed jaħdem fuq tender konġunt ma Kunsilli oħra, fejn ir-rati jkunu aħjar, u għalhekk għalissa irridu nkomplu nagħmlu l-*patching* bil-*cold asphalt.*

S-Sindku talab biex fejn jiltaqaw ma ħofor fit-toroq jirrapurtaw il-Kunsill biex jitranġaw mil-*handyman* tal-Kunsill.

### 54.4.4 Triq Santa Marija

Il-Kunsillier Tanti qal fi Triq Santa Marija hemm il-ħaxix ta' maġenb it-triq li hemm bżonn jinqata, u kaxxi sofor li jistaw jkunu illegali, biex jiġu vverifikati għax jista jkun maż-żmien inbiddel l'użu tagħhom.
Il-Kunsillier Tanti qal wkoll li hemm rampa quddiem l-uffiċju tan-Nutar Borg li din inkisret, u rampa m'għandiex użu, għax il-garaxx sar uffiċju. Apparti min hekk meta tagħmel ix-xita l-ilma jmur lejn nofs it-triq minħabba r-rampa. Kif wkoll hemm bżonn li titranġa il-bankina fil-kantuniera għax imkissra bil-kurduna b'kollox. Is-Sindku qal biex rapport fuq il-bankina ngħadduha lil-kuntrattur tal-PAMA li bħalissa qed jdur il-bankini.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil-*handyman.*

### 54.4.5 Triq San Anton Abbati

Il-Kunsillier Tanti qal li hemm bżonn ssir bankina fi Triq San Anton Abbati. Is-Sindku nforma li din il-bankina trid issir mil-kuntrattur li bena l-blokka għax hija obbligu tiegħu, fil-fatt kuntratturi oħra li bnew blokkok appartamenti jmissu ma din il-blokka, il-bankina għamluha.

Is-Sindku nforma, li nfurmajna l'avukat biex jibgħat ittra legali.

### 54.4.6 Sta. Margerita – Trasport Pubbliku

Il-Kunsillier Deguara, staqsa jekk irċevejnhiex risposta mingħand it-Trasport Pubbliku minħabba li tal-linja numru 47 u 250 mhumiex spissi min Sta. Margerita għaż-Żokkrija, aparti li jista jkun inbiddlu xi ħinijiet.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-minuti ta' l-aħħar laqgħa, peress li ġew approvati ma din il-laqgħa ħa tibda taħdem fuqhom minn għada, għalkem jista jkun li diġa ntbagħtet korrispondenza, peress li nipruvaw li ċerti *issues* nibdew naħdmu fuqhom mill-ewwel.

### 54.4.7 Mosta Solidali

Il-Kunsillier Deguara qal li fl'aħħar laqgħa s-Sindku preżenta kopja tan-*newsletter* Mosta Solidali, fejn intlaqgħet tajjeb ħafna, imma f'ċertu positjiet din tqassmet wara l-Milied. Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien mgħarraf li f'ċertu inħawi n-*newsletter* waslet qabel il-Milied u f'ċertu inħawi wara. Għalhekk tajjeb li nibdew naħdmu fuq in-*newsletter* tal-Għid min issa.

### 54.4.8 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss hija l-Ħamis 18 ta' Jannar, u din il-ħarġa ħa nżuru Palazzo Falson.

### 54.4.9 Qsari

Il-Kunsillier Deguara staqsa min suppost jieħu ħsieb il-qsari l-kbar li jinsabu fit-toroq għax hemm ħaxix ħażin ġo fihom.

S-Sindku nforma li fit-2012/2015, l'eks Sindku Shirley Farrugia ingħatat somma ta' madwar 30,000 Ewro biex jsiru qsari u tħawwil ta' siġar ġodda fil-lokal. Dawn il-fondi intużaw mill-Kunsill fiż-żmien l'eks Sindku Edwin Vassallo, u tqassmu fejn kien hemm bżonn. Pero' s-Sindku nforma li skond l'iskema meta ġibna dawn il-fondi, ma kienux fondi biex tixtri u tagħmel *maintenance*, imma biex tixtri u tħawwel biss. Pero' l-kuntrattur ma ħax ħsiebhom kif suppost, allura ftit minnhom mietu, u waħħal fil-Kunsill li ċertu pjanti mietu għax ċertu pots ma kellhomx plattin. Fuq din s-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur huwa nfurmat li biex fejn hemm nuqqas ta' plattini taħt il-*pots,* jinforma l-Kunsill ħalli nixtruhom, għalhekk din skuża li l-kuntrattur qed jwaħħal fil-kunsill.

Fuq din s-Sindku żied jgħid li għalhekk importanti li l-Kunsill jkollu *contracts manager*, biex jkun jista jiġi moniterjat x-xogħol mil-kuntratturi.

54.4.10 Party tal-Milied għal-Anzjani
Il-Kunsillier Deguara nforma li Party tal-Milied għal-Anzjani, kien suċċess u kellna attendenza tajba.

54.4.11 Żjara ġewwa l-Faċilita Korrettiva Kordin
Il-Kunsillier Deguara fakkar li fl'4 ta' Frar 2017, il-kunsilliera għamlu żjara ġewwa l-Faċilita Korrettiva Kordin, fejn din iż-żjara ntlaqgħet tajjeb. Il-membri preżenti approvaw li terġa ssir żjara mil-Kunsilliera u voluntiera oħra Mostin. Għal din iż-żjara ħa tieħu ħsieb l-arranġamenti l-Kunsilliera Tua.

54.4.12 Claims
Il-Kunsillier Borg staqsa kemm fadal *claims.* Is-Sindku nforma li fadal bejn 10 u 12, li ħa jiġu evalwati fi 22 ta' Jannar.

54.4.13 Triq Mons. Mikiel Azzopardi
Il-Kunsillier Borg qal fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi qed issir bankina, u staqsa jekk din il-bankina hux qed issir mil-Kunsill. Is-Sindku nforma li mhux il-Kunsill qed jagħmel ix-xogħolijiet ta' din il-bankina, u ntalab biex il-Kunsillier Borg jiprova jiskopri min qed jagħmel ix-xogħolijiet.

54.4.14 Bankina fi Triq it-Torri
Il-Kunsillier Gatt qal li f'Triq it-Torri, bejn Triq Ponsomby u Triq Il-Kungress hemm bżonn li titranġa l-bankina għax ir-residenti jippreferu jimxu fit-triq milli min fuq il-bankina peress li mħarbta ħafna. Is-Sindku talab biex din tiżdied mal-lista ta' bankini li qed jagħmel il-PAMA.

54.4.15 Sta. Margerita
Il-Kunsillier Micallef Costa staqsa jekk kienx hemm xi *feedback* rigward il-każ mal-Planning Authority dwar Sta. Margerita. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri li malli nirċievu risposta, anke sempliċement *aknowledgement,* dawn qed tinbgħat kopja lil-kulħadd.

54.4.16 Assenza mil-laqgħat
Il-Kunsillier Gauci nforma lil membri preżenti li ħa jkun msiefer mil-24 ta' Marzu sas-26 ta' April, u għalhekk jista jkun li jitlef xi laqgħa jew tnejn. Il-Kunsillier Gauci għandu jiprovdi kopja tal-*flights* biex jkun jista jiġi skużat b'appoloġija.

- Fid-8:55pm, Il-Kunsilliera Dr. Angele Rapa daħlet għal-laqgħa.

## 54.5 Rapporti

### 54.5.1 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati

Is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomandat li l-istaff jingħata 6% *performance bonus.* Kompliet tgħid li għalkemm ħadt mhu perfett, u dejjem hemm lok għal-*improvement,* l-istaff huma nies dedikati fejn jagħmlu xogħolhom b'responsabilta u reqqa. Kif wkoll, jaħdmu taħt pressjoni minħabba l-fatt li qegħdin *short staff,* fejn jkun hemm bżonn joqgħodu wara l-ħin mingħajr ma jitħallsu *overtime* imma minflok il-ħin żejjed joħduħ *time-in-lieu*, jirrispondu t-*telephone* personali tagħhom wara l-ħin tax-xogħol għalkemm mhux obligati, u ġieli jirrispondu l-*emails* meta jkunu bis-*sick* għalkemm mhux obligati.
Is-Segretarju Eżekuttiv żieded tgħid li għalkem stajna ngħalqu l'uffiċju nofs ta' nhar għal-*party* tal-Milied għal l-istaff tal-Kunsilli, kif wkoll ma niftħux s-Sibtijiet ta' qabel il-Milied u s-Sena l-ġdida, xorta ftaħna l'uffiċini biex ngħaqdu lil-pubbliku.

Is-Sindku qal li bħala *improvement* hemm żewġ affarijiet; dawn huma kommunikazzjoni bejn l-impjegati fejn importanti li kulħadd jkun jaf x'inhu għaddej, imma l-iktar fejn jidħlu *follow-ups.* Sfortunatament kultant bil-pressjoni tax-xogħol mhux dejjem jkun hemm *follow-ups* ta' każijiet pendenti, u jkun hemm dewmien biex jingħalqu. Is-Sindku qal wkoll li jaqbel li l-istaff jieħdu is-6% għax ħaqqhom, pero' ma jfissirx li għax intleħqu t-*targets* jiefqu hemm.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-impjegati tal-Kunsill; Liliana Borg, Chris Camilleri, Candice Coppola, Rita Galea, Lorraine Zammit Tabone u Nadia Micallef Camilleri, jingħataw 6% tal-*performance bonus.*

F'dan l-istadju fit-8:53pm s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra peress li kien ser jiġi diskuss l-performance appraisal tagħha.

Fir-rigward il *performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku ppreżenta l-*appraisal* min Jannar sa Diċembru 2017 u ppropona bonus ta' 9%. Dan il-persentaġġ jirifletti biex jsir *improvement* fejn jidħlu *follow-ups* u biex iktar xogħol jiġi delegat.

**Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20 tar-regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali (Risorsi Umani) tgħid li l-persentaġġ jrid jkun jew 5% jew 10%, u peress li** l-membri preżenti ma qablux fuq il-persentaġġ li għandu jingħata, **ġie** approvat li tingħata 9% tal-*performance bonus.* Dan l-istess *bonus* kien approvat mid-DLG is-sena l-oħra.

F'dan l-istadju fid-9:05pm, Segretarju Eżekuttiv reġgħet ħadet postha ġewwa l-kamra.

### 54.5.2 Update- Applikazzjoni għall-post ta' Skrivan Skala 15

Is-Sindku nforma li kellna sitt applikazzjonijiet fejn saru *interviews* lil tlett applikanti peress li t-tlieta l-oħra ma attendewx u nfurmawna li jew ma kienux interessati jew li sabu xogħol ieħor.

Min dawn it-tlieta li attendew, kien hemm ġuvni ta' 21 sena, tfajla ta' 22 sena, u mara ta 43 sena, li din ta' l-aħħar ġiet magħżula fejn għanda 14 il-sena esperjenza f'Kunsill lokali fejn kienet *Executive Officer* Skala 13, u intiża ħafna fuq ix-xogħol tal-Kunsill. Din apparti l'esperjenza għanda wkoll ittra ta' referenza tajba ħafna.

Rigward il-ġuvni ta' 21 sena kellu problema biex jitkellem bil-Malti u kien aktar interessat jaħdem f'settur ieħor tal-*gaming* relatat mal-*art and design*. It-tfajla l-oħra ta' 22 sena m'għandiex esperjenza vasta fil-qasam tax-xogħol.

- Fid 9:00pm, Il-Kunsilliera Dr. Rachel Tua u Joe Gatt talbu biex jiġu skużati għax kellhom bżonn jitilqu.

## 54.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 54.6.1 Skeda ta' pagamenti
L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

### 54.6.2 Purchase Orders
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 54.6.3 Works Orders
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 54.6.4 Petty Cash
Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

## 54.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:15pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-Laqgħa Annwali tal-25 ta' Jannar 2018 fis-6:00 p.m.

Konfermati llum 15 ta' Jannar 2018.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |